## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Edwina Grima

Appell Nru. 48/2017

Seduta tat-3 ta' Mejju 2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Troy Joseph Emanuel Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Troy Joseph Emanuel Caruana detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 533392(M) akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-26 ta' Ġunju, 2011 għall-ħabta ta' t-03.00pm ġewwa l-Bajja tal-Għadira l-Mellieħa:

1. Involontarjament iżda b'negliġenza kkaġuna lil Joseph Gauci ġrieħi ta' natura gravi u debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti mill-ġisem, jew ġablu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem skond kif iċċertifika Dr. J. Żammit M.D. Reg. No. 3054 ġewwa l-Isptar Mater Dei, meta kien qed isuq speed boat Reg. No. S816 u laqtu (Art.218 (1) (a) ):

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq speed boat Reg. No. S816 b'veloċita' eċċessiva;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq speed boat Reg. No. S816 b'manjiera traskurata u negliġenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-30 ta' Jannar, 2017 fejn il-Qorti sabet lill-imputat Troy Joseph Emanuel Caruana ħati biss tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuża u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u li l-imputat pprova jevita l-inċident u tenut kont tal-fedina nadifa tal-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien sentejn (2) filwaqt li tilliberaħ mit-tieni (2) akkuża fuq nuqqas ta' provi.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Troy Joseph Emanuel Caruana, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Frar, 2017, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per Maġistrat Dr. Claire Stafrace Żammit LL.D. tat-30 ta' Jannar, 2017 billi tirrevokaha in kwantu sabitu ħati ta' l-akkużi kif miġjuba kontrih u konsegwentement tilliberaħ minn kull piena u ħtija skond il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi fl-aggravji minnu intentati l-appellant jilmenta fl-ewwel lok illi l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha b'mod kontradittorju sabet illi huwa ma kien ikkometta ebda vjolazzjoni tal-ligi, izda xortawahda sabitu hati li ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna tal-parti leza meta kien qed isuq l-i*speed boat* tieghu fil-bajja tal-Ghadira nhar is-26 ta' Gunju 2011. Dan kellu jfisser illi ghall-incident kien jahti unikament il-vittma li kien qed joghdos 'il barra miz-zona mahsuba ghall-ghawwiema minghajr ebda marki sabiex jaghti indikazzjoni tal-posizzjoni tieghu fil-bahar. Mhux biss izda jishaq illi l-Ewwel Qorti wasslet ghad-decizjoni

taghha mhux fuq fatti ippruvati izda fuq assunzjonijiet fejn ghalkemm tassumi illi l-appellant kien qed isuq b'certu velocita ghaliex kien qed jigbed pesuna fuq "*doughnut*" madanakollu imbaghad ma sabitux hati ta' l-akkuza marbuta mal-velocita eccessiva. Illi mid-decizjoni tal-Ewwel Qorti irrizulta illi l-investigazzjoni tal-pulizija kienet monka u allura hafna fatti determinanti ma gewx stabbiliti tant illi l-Ewwel Qorti fil-fehma tal-appellant lanqas biss fehmet il-lok fejn sehh l-incident. Dan wassal ukoll sabiex xhieda determinati ghal kaz, bhal persuna li kien qieghed fuq id-*doughnut* li ta l-ewwel ghajnuna lil ferut u t-terza prsuna li kienet fuq id-dghajsa li kien flimkien mal-appellant ma gewx prodotti bhala xhieda mill-Prosekuzzjoni, izda biss mid-difiza. Finalment l-Ewwel Qorti skont l-appellant qieset li huwa kien negligenti fl-imgieba tieghu ghaliex ma naqqasx il-velocita' meta kien ghaddej hdejn dghajjes ohra li setghu kellhom nies qeghdin ighumu fil-bahar vicin taghhom. Dan fil-fehma tal-appellant ma johrog mill-ebda disposizzjoni tal-ligi marittima billi ma hemm l-ebda regola li timponi lil sewwieq ta' dghajsa jirrallenta semplicement ghaliex ikun ghaddej biswit dghajsa ohra wieqfa, oltre ghal fatt illi l-vittma kien qieghed ighum madwar ghoxrin metru 'il boghod minn din id-dghajsa u ma kienx vizibbli. L-appellant fil-fatt ghamel manuvra immedjatament biex jevita l-incident u li kieku ma kienx tempestiv fl-azzjoni tieghu, l-konsegwenzi ta' dan is-sinistru kienu jkunu ferm aghar. Dan kollu allura fil-fehma tal-appellant kellu iwassal lill-Ewwel Qorti ghal dubbju dwar ir-reita' abbinat mal-fatt illi ix-xhieda tal-parti leza u ta' Josefa Gauci ma kenitx kredibbli u allura huwa kellu jigi illiberat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Illi jirrizulta minn ezami mill-gdid tal-atti li ghamlet il-Qorti illi nhar is-26 ta' Ġunju 2011 il-Pulizija mill-għassa ta' San Pawl il-Baħar ġew imsejjħa sabiex jagħtu assistenza ġewwa l-Għadira peress li kien seħħ inċident meta dgħajsa tat-tip *speed boat* bil-mutur 40 HP u bin-numru ta' reġistrazzjoni S816 laqtet persuna li kienet fil-baħar. Minn stħarriġ li sar irriżulta li l-persuna milquta u li konsegwentement sofriet ġrieħi gravi kien Joseph Gauci li stqarr li kien qiegħed ankrat bid-dgħajsa tiegħu tat-tip Sailing Boat bit-tul ta' 50 pied, bejn mitejn u tlett mitt metru 'l barra mill-art, u aktar 'il fuq mill-Mellieħa Bay Hotel. F'xi hin

nizel fil-bahar sabiex jivverifika jekk l-ankra kenitx qabbdet sew mal-qiegħ. Huwa kien ftit metri 'il bogħod mid-dgħajsa tiegħu meta nnota li kien hemm dgħajsa oħra tiġbed *doughnut* ġejja bi speed qawwi u ssuq qrib ħafna tad-dgħajsa tiegħu u li x'aktarx din kienet ser isuq għal fuqu. Hu pprova jattira l-attenzjoni tas-sewwieq ghall-preżenza tiegħu fil-baħar, madankollu l-isforzi tiegħu sfaw fix-xejn u intlaqat f'idu l-leminija. Huwa sofra ksur f'din l-id kif ukoll griehi f'rasu u f'sidru fuq in-naħa tal-lemin. Hu innota illi s-sewwieq tad-dghajsa u cioe' l-appellant kien qed iħares lura qabel induna biħ u ċioe eżatt qabel l-impatt. Xehed ukoll li kif seħħ l-impatt l-appellant u l-persuni li kienu miegħu marru jagħtuħ l-assistenza, tellgħuħ fuq id-dgħajsa tiegħu u isejjhet il-pulizija mill-appellant stess. Wara li gie mitkellem huwa saq id-dghajsa tieghu lejn l-Imsida bl-għajnuna ta' xi ħbieb u wara mar l-isptar ghal kura.

Mill-banda l-oħra l-appellant jishaq li hareg bid-dgħajsa tiegħu jigbed *doughnut* qrib Ras il-Ħmar fl-akwata tal-Aħrax tal-Mellieħa. Huwa lemah is-*sailing boat* tal-parte ċivile wieqfa fil-bahar u zamm distanza konsiderevoli minnha. L-appellant jishaq illi kien qed iħares 'il quddiem tul it-traġitt kollu kif ukoll fil-hin li ippreceda l-inċident u nduna biss bil-parte ċivile ftit qabel ma sehh l-impatt. Dan ghaliex ighid li l-parti leza kien qed ighodos fil-bahar minghajr marki u allura lemhu biss meta dan tela' f'daqqa f'wiċċ l-ilma. F'dan il-mument ighid li ipprova jaghmel manuvra biex jiskapulah iżda inutilment. Saħaq ukoll li hu kien qiegħed flimkien ma żewġ persuni oħra, u cioe' certu Clint Mallia u Brian Tanti li kien fuq id-*doughnut*. Tanti minnufih niżel fil-baħar sabiex jassisti lill-vittma u filfatt kienu tellgħuħ lejn id-dagħjsa tiegħu li kienet wieqfa madwar għoxrin metru 'l bogħod minn fejn seħħ l-impatt.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant huwa mixli bir-reat imfassal fl-artikolu 226(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll bil-ksur tar-regolament 25 u 26 tal-Leġislazzjoni Sussidjarju 499.52 u cioe' ir-Regolamenti dwar Bastimenti Żgħar, izda ma nstabx ħati mill-Ewwel Qorti bil-ksur tar-regolament 25 marbut mar-reat tal-velocita eccessiva.

Illi r-reat tal-offiza involontarja fuq il-persuna huwa imfassal fl-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali abbinat mal-artikolu 226 u jaqra kif ġej:

> **Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta'tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna offiża fuq il-persuna, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel –**
>
> **(a) jekk l-offiża tkun gravi u ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75);**

Illi fil-kaz taht il-lenti tal-Qorti l-appellant gie misjub hati mill-Ewwel Qorti illi l-offiza fuq il-persuna giet ikkagjonata meta huwa naqas milli jhares ir-regolamenti marittimi b'mod specjali r-regolament 26 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52

Illi huwa id-dover ta' kull sewwieq kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-bahar li jara dak li huwa vizibbli ghall-ghajn - dak msejjah komunement "*proper lookout*". Issa f'dan il-kaz huwa indubitat illi l-parti leza kien nizel fil-bahar bil-maskra u bil-*flippers* u kien jinsab taht wicc l-ilma minghajr marki vizibbli. Hekk kif avvicinatu d-dghajsa misjuqa mill-appellant ighid illi huwa xiref f'wicc il-bahar u dak il-hin beda ixejjer b'idejh u ighajjat sabiex javverti lill-appellant bil-presenza tieghu fil-bahar. Ghall-appellant dan kien tard wisq billi kien jinsab vicin tieghu u allura ghalkemm ghamel manuvra evasiva xortawahda laqat lill-ghawwiem, bil-vittma issofri griehi gravi konsistenti fi ksur f'idu u griehi ohra f'rasu u f'daharu.

L-appellant jikkontendi izda illi l-element tal-prevedibbilita' mehtiega sabiex tirrizulta il-kulpa, f'dan il-kaz huwa nieqes ghas-segwenti ragunijiet:

1. Il-vittma kien jinsab lil hinn miz-zona mahsuba ghall-ghawwiema u kien allura iktar minn 200 metru 'il barra mill-kosta.
2. Kien nizel ighum fil-bahar minghajr sinjali li allura jistghu jaghtu indikazzjoni lis-sewwieqa ta' opri tal-bahar ghal-presenza tieghu fl-ilma.

3. Il-vittma kien jinsab imbieghed f'distanza konsiderevoli mis-*sailing boat* tieghu, (iktar minn ghoxrin metru 'il boghod jikkontendi l-appellant) u allura mhuwiex minnu illi huwa ghadda b'velocita eccessiva minn hdejn din id-dghajsa sabiex allura seta' jipprevedi il-presenza tal-bahhar fl-ilma.
4. Id-dghajsa tal-appellant hija opra tal-bahar zghira li ma ittelghax xi velocita qawwija ghalkemm huwa f'dak il-hin kien qed jigbed lill-habib tieghu li kien riekeb fuq *doughnut*.
F'dawn ic-cirkostanzi allura fil-fehma tal-appellant l-ebda bahhar prudenti ma seta' jipprevedi l-presenza ta' ghawwiem fil-bahar u allura huwa gie wicc imb'wicc ma' emergenza subitanea li ma setax jevita.

Issa minn qari tas-sentenza appellata ghandhu johrog illi l-Ewwel Qorti bbażżat il-ħtija tal-appellant prinċipalment fuq id-deposizzjoni tal-parte ċivile li jikkontendi illi l-appellant ma rahx ghaliex kien wiccu b'lura qed ihares lejn id-*doughnut* li kien qed jigbed bid-dghajsa tieghu u li kien minhabba f'din in-nuqqas ta' attenzjoni li l-impatt ma giex evitat. Inoltre jikkontendi illi mhuwiex minnu dak allegat mill-appellant li hu kien qieghed ighum madwar ghoxrin metru 'il boghod mis-*sailing boat* tieghu, izda jikkontendi li kien quddiem id-dghajsa tieghu (mhux iktar minn hames metri 'il boghod) u li l-appellant saq madwar il-*yacht* tieghu meta ighid testwalment "*uza l-boat tieghi bhala roundabout*". Mhux biss izda jikkontendi illi huwa kien hareg nofsu minn wicc l-ilma u beda jaghmel sinjali lill-appellant biex jallertah ghal presenza tieghu. Illi mart il-vittma Josefa Gauci tikkonferma li rat l-i*speed boat* tal-appellant tigbed id-*doughnut* gejja b'velocita qawwija u ghaddiet vicin id-dghajsa taghhom.

Illi ghalkemm l-appellant jikkontendi illi huwa kien qed isegwi ir-regolamenti kollha imposti fuq il-bahhara, dan ma ifissirx necessarjament illi huwa ghandu jigi ezonerat mir-responsabbilita penali ghal dan l-incident. Kif lanqas jista' jigi ezonerat unikament minhabba l-fatt illi l-vittma nizel ighum fil-bahar minghajr indikazzjoni ghal bahhara l-ohra tal-presenza tieghu fl-ilma. Ukoll il-fatt li l-appellant ġie lliberat mill-akkuża dwar l-eċċess ta' veloċita mhijiex kontrosens għas-sejbien ta' htija ghall-akkuzi l-ohra gjaldarba il-Prosekuzzjoni ma setatx

tistabbilixxi bil-provi imressqa minnha illi l-appellant kien qiegħed isuq b'velocita li teccedi l-għaxar mili nawtiċi u bi ksur tad-dettami tar-regolament 25 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52. Dan ghaliex is-sejbien ta' htija ghat-tieni akkuża miġjuba kontra l-appellant kienet tirrikjedi komputazzjoni speċifika ta' velocita' li madankollu ma ġiet f'ebda stadju imressqa mill-Prosekuzzjoni, kif inghad.

Illi fuq kollox n-negligenza kontributorja tal-vittma ghandha tittiehed in konsiderazzjoni biss fir-rigward tal-piena li ghandha tigi inflitta, fatt illi l-Ewwel Qorti jidher li hadet in konsiderazzjoni meta giet biex tikkalibra il-piena tant illi applikat id-disposizzjonijiet tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tieghu.

> "In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:
> *1. la volontarieta dell'atto;*
> *2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*
> *3. la possibilita di prevedere.*
> Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija *culpa*, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib *culpa levissima* li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide Il-Pulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali)"[1]

Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa,

> *"… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*

Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk:

> "In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but

[1] Il-Pulizija v Leonard Grech deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990

**could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".**

L-Antolisei, izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u t-tejorija tal-prevedibbilita ta'l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta'l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx:

> ***"Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."***

Awturi ohra bhal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta'l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f'erba elementi:

> ***1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;***
> ***2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;***
> ***3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola;***
> ***4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.***[2]

Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza, traskuragini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa.

Issa kif tajjeb senjalat mill-Ewwel Qorti ir-regolament 26 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.52 ipoggi responsabbilta' fuq il-bahhara ta' bastimenti zghar li

---

[2] http://www.altalex.com/documents/altalexpedia/2016/02/17/colpa

jaraw li s-sewqan taghhom ghac-cirkostanzi partikolari li jkunu jinstabu fihom ikun tali li ma ikunx ta' periklu ghall-utenti l-ohra tal-bahar immaterjalment mill-limitu tal-velocita li timponi il-ligi fir-regolament precedenti ghalih.

> **"Bla hsara ghal kull disposizzjoni ohra ta' dawn ir-regolamenti, ebda persuna m'ghandha ssuq, thalli jew tippermetti li jinsaq kwalunkwe bastiment zghir li jahdem bil-mutur b'velocità li, fic-cirkostanzi partikolari, x'aktarx ikun ta' periklu ghall-hajja jew jista' jikkaguna korriment jew iwassal ghal xi kollizjoni."**

Illi mhux biss izda fic-cirkostanzi partikolari fejn l-appellant kien qed jigbed persuna ohra rikba fuq *doughnut* huwa kellu responabbilta' oghla ghax mhux biss kellu joqghod attent ghal dik il-persuna li kien qed jigbed warajh izda ried izomm l-attenzjoni tieghu fuq dak kollu li qed jigri fil-madwar tieghu. Tant hu hekk illi l-Legislazzjoni Sussidjarja fil-kaz meta ikun qed isir skijjar fuq il-bahar jimponi fuq is-sewwieq tal-bastiment l-obbligu li jkollu persuna ohra presenti mieghu 'il fuq minn tmintax-il sena li jista' ighinu isuq bi prudenza u b'attenzjoni sabiex ma isehhx hsara kemm lil persuna li tkun qed tingibed mid-dghajsa kif ukoll lill-utenti l-ohra tal-bahar.[3]

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet ghalhekk din il-Qorti tqies illi ma hemm l-ebda motiv li jista' igieghlha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti u id-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi fejn hija tat affidament lill-verzjoni moghtija mill-parti leza li stqarr illi l-appellant kien qieghed ihares lura lejn il-persuna li kien qed jigbed warajh fuq it tghammir ta' *doughnut* u allura ma kienx qed izomm dik il-*proprer lookout* iktar u iktar meta kien qieghed ibahhar f'zona fejn kien hemm opri ohra tal-bahar fil-vicinanzi, u kien qed jigbed persuna warajh fuq tghammir iehor. Dan ifisser allura illi l-appellant seta' jipprevedi li jkun hemm utenti ohra fil-bahar f'dik iz-zona fejn kien hemm opri ohra tal-bahar irmiggati. Mhux biss izda lanqas biss induna bil-prezenza tal-vittma fil-bahar ghalkemm dan kien qed jaghmillu sinjali cari vizivi sabiex jigi allertat tempestivament b'dan il-periklu. Illi allura l-obbligu li bahhar isuq bil-galbu

---

[3] Ara regolament 38. "Skijar" huwa definit fir-regolament 2 bhala il-gbid u z-zerzieq ta' persuna fuq skis, jew xi taghmir iehor bhal dan, marbut ma' bastiment zghir li jahdem bil-mutur u li jkun qieghed ibahhar b'velocità ta' skijar

meta jkun vicin opri tal-bahar ohra li huma weqfin johrog mir-regolament 26 hawn fuq iccitat li jimponi sewqan bil-prudenza meta jkun hemm cirkostanzi fejn jista' ikun previst il-periklu ghal hajja jew il-periklu ta' xi kollizzjoni bhal kif sehh f'dan il-kaz meta l-appellant kien qed isuq id-dghajsa tieghu vicin il-*yacht* tal-parti leza.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma d-decizjoni appellata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur